



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-0070/2018**

29.1.2018

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar arranġamenti għall-ħin tas-sajf  
(2017/2968(RSP))

**Karima Delli**

f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

<<<

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar arranġamenti għall-ħin tas-sajf  
(2017/2968(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2001 dwar arranġamenti għall-ħin tas-sajf<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti għandha tipprovdi bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt rigward l-għażliet għal azzjoni futura;
- B. billi għadd kbir ta' studji xjentifiċi, inkluż l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Ottubru 2017 dwar arranġamenti għall-ħin tas-sajf skont id-Direttiva 2000/84/KE, ma nrexxielhom jipprovdu l-ebda evidenza ta' effett pożittiv fir-rigward tal-bidla fil-ħin li ssir darbtejn fis-sena, iżda minflok taw indikazzjoni tal-eżistenza ta' effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, l-agrikoltura u s-sikurezza tat-traffiku fit-toroq;
- C. billi għadd ta' inizjattivi taċ-ċittadini enfasizzaw it-tħassib taċ-ċittadini dwar il-bidla fil-ħin li ssir darbtejn fis-sena;
- D. billi l-Parlament kien qajjem din il-kwistjoni preċedentement, pereżempju fil-Mistoqsija Orali O-000111/2015 lill-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2015;
- E. billi ta' min jinżamm reġim tal-ħin unifikat tal-UE anke wara li tintemm il-bidla fil-ħin li ssir darbtejn fis-sena;
1. Jitlob lill-Kummissjoni biex ittem il-bidla fil-ħin li ssir darbtejn fis-sena billi tipproponi emenda għad-Direttiva 2000/84/KE;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> ĠU L 31, 2.2.2001, p. 21.

<sup>2</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.